**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 8 ta' Novembru 2019**

**Appell numru: 58/17**
**Wara sentenza tal-Arbitragg Mandatorju M4247/2015SC**
**datata 11 ta' Ottubru, 2017**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Julian Briffa u l-istess Julian Briffa**

**vs.**

**Vincent Spiteri u s-socjeta' Gasanmamo Insurance Limited, illi interveniet fil-kawza wara d-digriet tal-21 ta' April 2015**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni ta' Arbitragg Mandatorju datata 11 ta' Ottubru, 2017 fejn gie deciz kif isegwi:

*'Illi ghalhekk ghar-ragunijiet fuq deskritt, l-arbitru jikkonkludi illi l-incident tat-traffiku illi sehh nhar is-17 ta' April 2012 fl-ajruport internazzjonali ta' Malta bejn il-vetturi bin-numri ta' registrazzjoni JBV-044 u DGY-078, sehh unikament minhabba tortijiet attribwibbli lill-intimat Vincent Spiteri, u billi*

*fl-umli fehma tal-arbitru l-quantum tad-danni reklamati gie sodisfacentement ippruvat, jillikwida d-danni fl-ammont ta' €2,896.33 u konsegwentement jikkundanna lill-intimat Vincent Spiteri sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma msemmija ta' €2,896.33 bl-imghaxiiet relattivi mit-23 ta' Marzu 2013.'*

2. Illi l-lodo appellat nghata wara li l-appellati rikorrenti Citadel Insurance pls noe et. sostnew li sehh incident awtomobilistiku nhar is-17 ta' April 2012 fl-ajruport internazzjonali ta' Malta fiz-zona maghrufa bhala *Apron* numru 9 fil-Gudja, liema incident sehh bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DGY-078 misjuqa mill-intimat Vincent Spiteri u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBV-044 proprjeta' tar-rikorrent appellat Julian Briffa. Konsegwenza ta' hekk ir-rikorrenti jsostnu li sofrew danni fl-ammont ta' €2,896.33 oltre l-imghaxijiet relattivi w'l-ispejjez legali. Huma jinsistu li l-incident sehh b'responsabbilta' tal-intimat Vincent Spiteri.

Fir-risposta tieghu l-appellant Vincent Spiteri eccepixxa illi fl-ewwel lok li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' bil-preskrizzjoni ta' sentejn, li jrid jigi ppruvat liema vettura kienet involuta fl-incident de quo u li fil-mertu huwa ma huwiex responsabbli ghall-incident b'dana li m'ghandux jigi kundannat ihallas id-danni pretizi mir-rikorrenti.

4. Rat illi l-intimat Vincent Spiteri appella mid-decizjoni u ressaq zewg aggravji kif isegwi:

i) L-arbitru ghamel apprezzament zbaljat tal-provi li ngiebu quddiemu primarjament fir-rigward tal-piz probatorju li nghata lir-rapport tal-Pulizija;

ii) L-arbitru naqas milli jaghmel referenza ghat-tieni eccezzjoni migjuba mill-appellant, u cioe' illi s-socjeta' appellata kellha tipprova liema vettura kienet fil-fatt involuta fl-incident de quo, bil-konsegwenza illi din l-eccezzjoni ma gietx studjata u kkonsidrata fid-dawl tal-provi migbura.

5. Rat illi r-rikorrenti appellati rrispondew li fil-mertu l-lodo appellat huwa gust u jimmerita li jigi konfermat. Jinsistu li l-apprezzament maghmul mill-prim'istanza ma ghandux jigi disturbat sakemm ma jezistux ragunijiet gravi biex tali apprezzament jigi varjat u li f'dan il-kaz ma jezistux ragunijiet gravi li jimmeritaw tali varjazzjoni.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2019 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

7. Illi l-Arbitru wasal ghad-decizjoni tieghu dwar l-incident awtomobilistiku hawn fuq deskritt wara li kkunsidra kif isegwi:

'Dan l-arbitraġġ jikkonċerna inċident tat-traffiku illi sehh nhar is-17 ta' April 2012, fl-ajruport internazzjonali ta' Malta fiz-zona magħrufa bħala *Apron* numru 9 fil-Gudja, li sehh bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DGY-078 misjuqa mill-intimata w dik bin-numru ta' reġistrazzjoni JBV044, proprjeta' tar-rikorrenti Julian Briffa.

Illi fil-proċeduri odjerni qed jintalab dikjarazzjoni illi l-intimata kien jahti unikament ghall-incident mertu tal-kawza w li konsegwentement jigi kkundannat ihallas id-danni fl-ammont komplessiv ta' elfejn tmien mija sitta u disgħin euro tlieta u tletin ċenteżmu (€2896.33), oltre l-imghaxijiet relattivi w l-ispejjez legali.

Illi l-intimat iddefenda ruhu billi eccepixxa illi fl-ewwel lok l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16, u li *in susidium* illi huwa ma kienx responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u li konsegwentement m'ghandux jigi kkundannat ihallas id-danni reklamati mir-rikorrenti.

Illi permezz ta` rikors intavolat mis-soċjetà assikuratrici GasanMamo Insurance Limited l-istess soċjetà talbet illi tigi awtorizzatha tintervjeni f'dawn il-proceduri *in statu et terminis.*

Illi b'digriet tas-17 ta' Frar 2015 l-imsemmija socjeta' giet awtorizzata illi tintervjeni fil-proceduri odjerni, u sabiex tippresenta r-risposta relattiva taghha.

Illi soċjetà' GasanMamo Insurance Limited intavolat risposta bl-eċċezzjonijiet tagħha fejn eċċepit illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess atturi stante illi l-atturi għandhom iressqu kull prova valida skond il-Liġi li permezz tagħha jippruvaw illi l-inċident seħħ unikament u esklussivament tort tal-intimat u li l-atturi għandhom iressqu kull prova valida skond il-Liġi li permezz tagħha jippruvaw illi l-polza assikurattiva maħruġa mis-soċjetà attriċi fir-rigward tal-vettura JBV-044 tkopri l-istess vettura fiċ-ċirkostanzi tal-inċident.

**FATTI**

Illi l-inċident mertu tal-kawża sehh nhar is-17 ta' April 2012, fuq ir-runway tal-ajruport internazzjonali ta' Malta ghall-habta tas-7.00 ta' filgħaxija, u z-zewg vetturi kienu jiffurmaw parti minn konvoj ta' vetturi li kienu qed igorru delegazzjoni ta' nies distinti minn pajjiz esteru.

**PC 744 Angelo Rowe** xhed:

Jiena kont stazzjonat fl-għassa tal-ajruport u fis-17 ta' April 2012 ġew xi nies biex jagħmlu rapport rigward inċident tat-traffiku illi kien seħħ fuq *Apron Number 9.*

Dak inhar kien hemm VIP *carcade* u allura kien hemm permess biex ċerti vetturi joħorġu fuq l-*apron*.

Qed nesebixxi kopja tar-rapport relattiv li qed jiġi mmarkat bħala Dok. AR1 u nikkonferma l-kontenut tal-istess.

Skizz ma sarx għaliex il-vetturi kienu ċċaqalqu w di fatti kienu ġabuhom magħhom l-għassa.

**In kontro-eżami PC 744 Angelo Rowe qal:**

Jiena ma nafx min joħroġ il-permess biex wieħed joħroġ fuq l-apron, jista' jkun l-MIA jew anki l-AFM.

Il-kulur tal-vettura JBV-044 jiena kkonstajtu b'għajnejja. Id-dettalji tal-vetturi toħroġ mis-sistema filwaqt illi l-ħsarat innizzilhom jiena.

Qed issirli riferenza għar-rapport gia eżebit mir-rikorrenti w anness mal-*istatement of claim*, u senjatament għal fatt illi hemm diskrepanza bejn ir-rapport illi ġibt jiena illum u r-rapport fuq imsemmi, u dana għaliex f'paġna tlieta ta' dak gia eżebit hemm riferenza għall-kulur *"black"* rigwardanti JBV-044 filwaqt illi fir-rapport li ġibt miegħi llum fil-paġna 3/5 Vehicle No. 1 rigwardanti JBV-044 il-kulur Black mhux imniżżel, iżda ngħid illi hemm riferenza għall-kulur f'paġna 4.

Qed niġi mistoqsi għalfejn hemm din id-diskrepanza u ngħid illi jista' jkun illi hija format differenti.

Jiena ċert illi l-vettura tal-marka BMW kienet ta' kulur iswed. Għal dak illi jirrigwarda l-van jiena ma niftakarx.

Ħsara fil-BMW niftakar illi kellha ħsara fuq in-naħa ta' quddiem tad-driver bil-*bumper* maqluħ. Il-van kellu ftit grif fuq in-nahha tal-passiġġier.

**Julian Briffa** qal:

Dak inhar tal-inċident jiena kont qed insuq il-vettura tat-tip BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni JBV-044 u miegħi kelli xi passiġġieri billi din hija *chauffeur driven car*. Dawn in-nies kienu jifformaw parti mid-delegazzjoni mill-Qatar.

L-inċident seħħ fuq l-*apron* fl-ajruport Ħal-Luqa. Jiena kont qed inwassal dawn n-nies sa taħt l-ajruplan. B'kollox kien hemm circa tletin vettura, u konna kollha qed insuqu wara xulxin u skont ir-regolamenti tal-ajruport ħadd ma jista jaqbes u fil-

fatt ikun hemm vettura safra tal-ajruport u kulħadd irid isegwi din il-vettura wara xulxin.

Ftit qabel ma wasalna fejn l-ajruplan ħassejt daqqa minn fuq ir-rota ta' quddiem n-naħa tal-lemin. Mad-daqqa rajt vettura tat-tip Mercedes li ġiet mill-lemin tiegħi u daħlet fija. Mad-daqqa t-tnejn li aħna waqafna. Waqt illi nkunu qed insuqu aħna bilfors irridu insuqu wara xulxin w l-formation tkun forma ta' serp.

Wara l-impatt jiena tkellimt max-xufier u għidtlu kif ġie mill-ġenb iżda ma niftakarx x'kien qal. Ma niftakarx kemm kien hemm vetturi warajja.

Il-vettura l-oħra mad-daqqa qabditli r-rota bil-bumper b'kollox. Id-daqqa jiena niddiskriviha bhala waħda kbira. Fil-ħin tal-inċident jiena kont miexi iżda ma nafx b'kemm kont għaddej bħala speed.

**In Kontro-ezami Julian Briffa qal**

Il-kulur tal-vettura illi kont qed insuq kienet sewda. Il-vettura hija tiegħi. Billi l-pulizija ma jistgħux jidħlu fuq l-*apron* biex jagħmlu rapport aħna kellna nohorġu u mmorru l-għassa tal-ajruport. Jiena għandi żewġ vetturi illi nuża għad-delegazzjonijiet waħda hija tat-tip BMW u l-oħra hija Mercedes.

Biex taħdem xogħol ta' delegazzjoni irid ikollu permess specjali. Il-Mercedes ghandu permess ġenerali w ghandu "Y" plate. Il-BMW għandu plates privati imma jekk ikun hemm il-bżonn iġibuli permess speċjali.

Fil-ħin tal-incident jiena kelli DVD plate, dawn jingħataw lilna tal-okkazzjoni. Dan il-plate ġabuli ta' Meli Garage. Dawn id-DVD plates meta jingħataw lilna jingħataw biex jitwaħħlu fuq vettura partikolari u f'dan il-każ kien il-BMW. Hekk kif inlestu ix-xoghol aħna nirritornaw il-plates.

Meta għamilt claim ma' l-insurance ma niftakarx jekk ġejtx mitlub inħallas *excess.*

Jiena ma kellix għalfejn ninforma lis-Citadel li kont ser nuza din il-vettura għal xoghol ta' xufier.

**Natalino Agius qal:**

Jiena naħdem bħala *surveyor* indipendenti. Fil-każ in eżami jiena kont ġejt inkarigat minn *Citadel Insurance* biex neżamina l-vettura bin-numru JBV-044.

Qed nara kopja tas-survey eżebit u mmarkat bħala Dok. C1 u ngħid illi dan id-dokument ħriġtu jiena.

Il-vettura kienet tat-tip BMW 5 Series u kellha l-ħsara fuq il-kantuniera tal-lemin fuq quddiem.

Ir-ritratti kollha illi hemm mehmuża mal-istess rapport kont ħadthom jiena. Il-kulur tal-vettura kienet *dark* blu.

**In kontro ezami Natalino Agius qal:**

l-*ispray* kien *metallic*.

Ic-*chaissis number* huwa dak illi hemm fir-ritratt Dok C5.

Jiena nikkonferma illi l-vettura kienet blu skura u mhux kif hemm indikat fir-rapport.

Nikkonferma illi kull vettura għandha *chassis number* differenti. Nagħmel riferenza għar-ritratt immarkat bħala Dok C12 u ngħid illi f'dan ir-ritratt juri l-liċenzja tal-vettura w hemm ukoll in-numru tac-*chassis*.

Minkejja illi fir-ritratt C5 parti mac-*chassis* ma tidhirx jiena ngħid illi dakinhar in-numru kien komplet, u jista' jkun illi dan sar minħabba l-*flash.*

Meta rajt il-vettura ma kienx hemm *number plate* u dana kif jidher fir-ritratt C2. Jiena ma nafx għalfejn ma kienx hemm *number plate* fuq il-vettura. Ma nafx jekk kienx hemm *number plate* fuq wara.

**Vincent Spiteri qal:**

Dak inhar tal-inċident kont qed insuq il-vettura bin-numru DGY-078. L-inċident mertu tal-kawża seħħ fuq l-*apron* tal-ajruport ta' Ħal-Luqa, billi jiena naħdem bħala xufier u dak inhar kont qiegħed inġorr il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Qatar.

Jiena ħejjejt skeċċ ta' kif qed ngħid illi seħħ l-inċident u qiegħed nippreżenta kopja li qed tiġi mmarkata bħala Dok VC1.

Jiena jkolli xogħol fejn inġorr nies distinti regolarment, u l-biċċa l-kbira jiena insuq il-*head of delegation* kif ġara f'dan il-każ.

Meta nkun qed insuq lil *head of delegation* jiena inkun fuq quddiem. Jiena wasalt ħames minuti qabel il-vetturi l-oħra, u l-istruzzjonijiet illi ngħatajna kienu illi nies

jinżlu ħdejn il-Gates u jimxu sal-ajruplan bl-iskorta tal-MIA magħhom. Ġara illi l-*head of delegation* irċieva telefonata fejn ġie nfurmat illi kien hemm kambjament fil-pjan u cjoe' illi kellna nidħlu bil-vetturi tagħna sa taħt l-ajruplan.

Jiena soqt bl-iskorta tal-MIA quddiemi u cjoe' vettura waħda safra. Warajja kelli serbut ta' vetturi oħra. Il-*Head of Delegation* ġiegħelni nieqaf mal-ġenb kif tidher fl-iskecc, imxengel sabiex jkun jista' jara l-ajruplan u l-vetturi deħlin. Jiena kont wieqaf bir-rota ta' quddiem imdawra lejn ix-xellug.

Jiena wieqaf il-ħin kollu sa kemm seħħ l-impatt, u cjoe' ngħid illi fil-mument tal-impatt jiena kont wieqaf.

Aħna konna weqfin biex il-vetturi l-oħra jgħaddu minn ħdejna w dan sabiex il-*head of delegation* jaċċerta ruħu illi jkunu għaddew il-vetturi kollha.

Hekk kif għaddiet kważi nofs id-delegazzjoni ħassejt daqqa żgħira w darli l-*isteering*. Rajt BMW blu ċar li laqatni ġor-*rim* u baqa' sejjer għaliex ma tistax tieqaf.

Wara illi niżlu n-nies aħna dorna mal-ajruplan u ħriġna 'l barra. Jiena tkellimt max-xufier l-ieħor, u dan issuġġerixxa illi mmorru x'imkien ieħor billi ma konniex inxurjati fuq l-*apron*, u dana sabiex issimulaw inċident f'post ieħor biex b'hekk inkunu koperti. Jiena ma aċċettajtx. Jiena mort l-għassa iżda x-xufier l-ieħor ma riedx jiġi, iżda gie waqt illi konna qed nagħmlu r-rapport ġie.

Jiena ma kelli ebda ħsara ħlief fir-*rim*, iżda bil-*polish* marret il-girfa u għalhekk ma kellux ħsara. Il-vettura l-oħra kellha l-bumper ta' quddiem maqlugħ mill-clips, imma baqa' imwaħħal u kien qed jitkaxkar.

Ix-xufier l-ieħor nafu fis-sens illi ġieli ħdimna flimkien. Ix-xufier l-ieħor naf illi għandu tliet vetturi, u cjoe *Mercedes E Class* bil-Y plate, BMW iswed bil-Y plate, u BMW blu u cjoe' dak illi kien involut fl-inċident. Jiena ġieli rajt l-istess plate fuq vetturi differenti.

Qed niġi muri r-ritratt tal-faċċata ta' BMW illi ġie esebit mir-rikorrenti u ngħid illi din m'hiex il-vettura illi kienet involuta fl-inċident.

In-Numru plate JVB-044 waqt ix-xogħol u ġieli rajtu ħdejn il-knisja tal-Mosta ġieli rajt fuq BMW iswed u ġieli fuq BMW blu.

**In kontro eżami Vincent Spiteri qal:**

Nerġa nikkonferma illi fil-mument tal-impatt jiena kont wieqaf. Qed tinġibidli l-attenzjoni illi fl-istatement illi kont tajt lill-pulizija jiena kont għidt illi kont miexi

fil-mument tal-impatt ngħid illi jiena niċħad illi għamilt din id-dikjarazzjoni u nżid illi r-rapport huwa kollu kemm hu falz.

Qed tiġi mistoqsi lili għalfejn fir-rapport tal-pulizija hemm imniżżel illi jiena għidt illi l-BMW kienet sewda ngħid li vera għidtlu hekk imma dan għamiltu għax heddidni s-sewwieq l-ieħor. It-theddid kien fis-sens illi jagħmilli ħsara fil-vetturi tiegħi.

Qed jiġi mistoqsi lili għalfejn minkejja illi għadni kemm xehedt illi jiena mort waħdi nagħmel rapport u s-sewwieq l-ieħor ġie wara, fir-rapport hemm indikat illi morna flimkien ngħid illi dan mhux minnu.

Jiena ma naqbilx illi kont jiena illi lqatt il-vettura l-oħra nerġa nikkonferma illi jiena kont wieqaf għal kollox.

Dak inhar tal-inċident aħna konna qed nużaw plates appożiti. Ngħid illi l-assikurazzjoni kienet inħarġet fuq il-vettura DGY-078.

Ngħid illi dak il-ħin jiena ma kontx naf illi l-vettura tiegħi ma kinitx koperta jekk inkun fuq l-*apron* iżda skoprejt dan wara.

Jiena f'ebda ħin ma għamilt claim, iżda ta' Gasan talbuni biex immur iżda jiena xorta waħda m'għamiltx claim.

Jiena kont ġejt infurmat illi ma kontx kopert.

**Jesmond Sacco qal:**

Dak inhar tal-inċident jiena kont qiegħed fejn qed nindika fuq d-dokument VC1 u cjoe' ħdejn il-Gates. Jiena ma kontx ġo vettura, kont il-ko-ordinatur tal-visita.

Dak inhar kelli nieħu ħsieb it-trasport.

L-ewwel vettura illi daħlet fuq l-*apron* kienet dik tas-sur Spiteri, u quddiemu kien hemm l-iskorta tal-MIA. Fil-vettura tas-sur Spiteri kien hemm l-*advance team* tad-*delegation*. F'ħin minnhom il-vettura tas-sur Spiteri kellha tieqaf fejn indikat fuq l-iskeċċ u dana sar fuq ordni tal-MIA.

Nippreciza illi s-Sur Spiteri daħal fuq l-*apron* qabel l-vetturi l-oħra, li di fatti kienu għadhom lanqas waslu. Il-vettura ta' Spiteri kienet wieqfa u ftit wara bdew jaslu l-vetturi l-oħra u baqgħu deħlin fuq l-*apron* bl-iskorta.

Kif gia semmejt il-vettura tas-sur Spiteri kienet wieqfa u l-passiġġier tieghu kien saħansitra barra mill-vettura.

F'ħin minnhom kien hemm vettura tat-tip BMW kulur blu dieħla fuq l-*apron* jiena smajt ħoss żgħir u meta mort biex nivverifika sibt illi kien seħħ impatt bejn il-BMW il-blu w l-vettura tas-Sur Spiteri. Jiena meta mort sibthom it-tnejn weqfin anzi ngħid illi l-vetturi kollha kienu weqfin. Jiena l-vetturi sibthom ma' ġenb xulxin u l-BMW kellu l-bumper maqluh. Wara l-impatt il-passiġġieri niżlu mill-vetturi rispettivi tagħhom u mxew lejn l-ajruplan.

Is-sur Spiteri kien qed isuq Mercedes sewda. Il-Passiġġier illi kien fil-vettura tas-sur Spiteri baqa' Malta dak inhar.

Lili ħadd ma talabni biex immur nagħmel rapport l-għassa.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Illi l-inċident mertu ta' l-arbitraġġ odjern jirriżulta li seħħ fuq ir-runway tal-ajruport internazzjonali ta' Malta senjatament fiż-żona maghrufa aħjar bħala *apron* numru 9. Kien għal ħabta tas-7.00 ta' filgħaxija, meta l-vetturi nvoluti fl-inċident kienu fuq igorru xi nies formanti parti mid-delegazzjoni mill-Qatar.

**<u>Eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni</u>**

Illi l-konvenut Vincent Spiteri fost eċċezzjonijiet oħrajn eċċepixxa illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili jippreskrivi illi l-azzjonijiet ghad-danni huma preskritti bit-trapass ta' sentejn mid-data tal-akkadut illi ta' lok ghall-istess danni.

Illi l-incident mertu tal-kawza sehh fis-17 ta' April 2012 filwaqt illi l-proceduri odjerni gew intavolati fis-16 ta' Jannar 2015.

Illi ghalhekk huwa minnu illi kien ghadda perjodu ta' sentejn mid-data tal-incident meta gew intavolati l-proceduri odjerni, izda dan il-fatt wahdu ma jfissirx illi l-azzjoni hija perenta, u dana ghaliex wiehed irid jara jekk il-perjodu ta' preskrizzjoni kienx gie interrot skond kif titlob il-ligi.

Illi mill-provi prodotti irrizulta illi s-socjeta' rikorrenti kienet intavolat ittra ufficcjali fl-20 ta' Marzu 2013, liema ittra kienet giet notifikata lill-intimat, kif jirrizulta mir-riferta relattiva fit-23 ta' Marzu tal-istess sena.

Illi ghalhekk fit-23 ta' Marzu 2013 il-perjodu ta' prekrizzjoni kien gie interrot u l-atturi minn dak inhar kellhom zmien sat-23 ta' Marzu 2015 sabiex jintavolaw dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk huwa car illi l-azzjoni attrici mhiex preskritta w konsegwentement l-ewwel eccezzjoni tal-intimat qed tigi michuda.

**<u>Konsiderazzjonijiet fil-Mertu</u>**

Illi jidher illi hemm qbil bejn il-partijiet illi l-vettura tal-intimat kienet qed tmexxi l-konvoj tal-vetturi li kienu qed igorru delegazzjoni ta' nies distinti li kienu sejrin lura lejn pajjizhom. Mhuwiex kontestat lanqas illi f'hin minnhom il-vettura misjuqa mill-intimat waqfet mal-genb u illi l-vetturi illi kienu warajha bdew jaqbzuha biex jidhlu taht l-ajruplan.

Illi fejn l-verzjonijiet tal-partijiet ma jaqblux, huwa illi filwaqt illi l-intimat Spiteri jghid illi huwa kien wieqaf ghal kollox meta f'hin minnhom ghaddiet il-vettura tat-tip BMW misjuqa mill-attur Briffa li laqtet il-vettura tieghu, Briffa jghid illi kien l-intimat illi saq go fih meta kien ghaddej ma' genbha.

Briffa qal:

> *Ftit qabel ma wasalna fejn l-ajruplan ħassejt daqqa minn fuq ir-rota ta' quddiem n-naħa tal-lemin. Mad-daqqa rajt vettura tat-tip Mercedes li ġiet mill-lemin tiegħi u daħlet fija.*

Filwaqt illi Spiteri jghid:

> *Jiena wieqaf il-ħin kollu sa kemm seħħ l-impatt, u cjoe ngħid illi fil-mument tal-impatt jiena kont wieqaf.*

Illi in sostenn tat-tezi tieghu, Spiteri pproduca bhala xhud lil certu Jesmond Sacco li stqar illi dak inhar tal-incident huwa kien il-ko-ordinatur tal-visita, u kien inkarigat mit-trasport. Ix-xhud qal illi huwa kien hdejn il-gate waqt illi l-vetturi kienu diehlin ghal fuq l-*apron.*

Illi ix-xhud jikkonferma illi l-vettura ta' Spiteri kienet wieqfa imma izda ma jikkonfermax illi din il-vettura kienet wieqfa fil-mument tal-impatt. Di fatti Sacco jghid illi f'hin minnhom sema' hoss u li kien biss wara illi mar jivverifika dan x'kien illi skopra illi kien sehh impatt bejn iz-zewg vetturi mertu tal-kaz odjern.

Illi in segwitu ghall-incident mertu tal-kawza kien sar rapport mal-pulizija, izda dan sar wara illi l-vetturi relattivi kien iccaqalqu, u ghalhekk kif ikkonferma PC 744 Angelo Rowe ma setax issir sketch.

Illi ghalkemm sketch kien ikun ferm utili ghall-arbitru sabiex jistabbilixxi d-dinamika tal-incident, huwa nteressanti ghall-arbitru dak illi gie dikjarat mill-intimat lill-pulizija w cjoe' *a tempo vergine*. Illi l-intimat fl-istatement illi ta lill-pulizija imkien ma jghid illi kien wieqaf fil-mument tal-impatt, anzi jghid proprju l-oppost, u cjoe' illi kien qieghed in moviment: *"Mr Spiteri stated that <u>as he was driving</u> on the apron ……"* (sottlinear tal-arbitru)

Illi l-intimat mistoqsi in kontro-ezami kif jispjega d-diskrepanza bejn dak illi kien iddikjara lill-pulizija dak inhar tal-incident u dak illi sostna fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, jghid illi r-rapport tal-pulizija huwa kollu falz u li l-verzjoni l-korretta hija dik illi kien ta fil-proceduri odjerni.

> *Nerġa nikkonferma illi fil-mument tal-impatt jiena kont wieqaf. Qed tinġibidli l-attenzjoni illi fl-istatement illi kont tajt lill-pulizija jiena kont għidt illi kont miexi fil-mument tal-impatt ngħid illi jiena ničħad illi għamilt din id-dikjarazzjoni u nżid illi r-rapport huwa kollu kemm hu falz.*

Illi l-intimat mistoqsi in kontro-ezami sabiex jispjega kif lill-pulizija kien ddikjara illi l-BMW ta' Briffa kien iswed u issa qed jghid illi kien blu jghid illi dan kien ghamlu ghaliex kien gie mhedded minn Briffa, liema theddid kien fis-sens illi jagħmillu ħsara fil-vetturi tiegħu.

Illi l-arbitru ma jistax jinjora dawn id-diskrepanzi ta' portata konsiderevoli fid-dikjarazzjonijiet tal-intimat, u cjoe' bejn dak illi kien sostna *a tempo vergine* u dak illi ddikjara f'dawn il-proceduri.

Illi huwa principju risaput illi *"l-verzjoni li s-sewwieq jaghtu lis-Surgent a tempo vergine hija l-iktar kredibbli ghaliex tinghata spontanjament minghajr ma s-sewwieq jkollhom cans jahsbu, jintbehu b'certu affarijiet, jitkellmu ma' terzi u konsegwentement ivarjaw il-verzjoni taghhom kif jaqblilhom."*[1]

Illi l-istess kien gie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Scerri Carmelo vs Darmanin Esther**[2] fejn qalet:

---

1 **Andrew Ciantar vs Joseph Coleiro (PA)** deciza 13/07/2001.

2 Deciza 20/10/2003

*Huwa indubitat illi f'kazijiet ta' kollizjoni l-iskizz dejjem gie meqjus bhala element importanti tal-provi, ad eccezzjoni tas-sitwazzjonijiet fejn ikun jidher ovvju illi dan ma jkunx gie redatt sewwa u jkun jonqsu indikazzjonijiet li ma jistghux jitqiesu traskurabbli. L-importanza ta' dan id-dokument giet ravvizata anke fil-kaz fejn dan ma jkunx gie mahluf mis-surgent li rredegieh.*

*Hekk gie rimarkat illi anke fejn dan hu l-kaz, eppure "hu wkoll veru li dan gie preparat in situ a tempo vergine u hadd ma ressaq dubbju dwar l-integrita` tas-surgent. Dan tal-ahhar huwa recorder tar-'res gestae' u hu fid-dover qabel xejn, bhala parti mill-investigazzjoni tieghu, li jigbor il-fatti rilevanti kif irrizultawlu materjalment u jirregistrahom fl-iskizz ta' l-okkorrenza.*

Illi f'sentenza ohra moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Borg Joanne vs Mizzi Michael** [3], l-imsemmija Onorabbli Qorti kien ippronunzjat ruhha bil-mod segwenti:

*Generalment, fatturi rilevanti ghal kollizjoni jirrizultaw mir-rapport maghmul mill-pulizija a tempo vergine u jekk tali fatturi ma jirrizultawx fir-rapport, wiehed jistenna` li kienet issir ghal anqas xi osservazzjoni lill-ufficjal li jkun investiga l-kaz jew lis-superjuri tieghu. In-nuqqas ta` fatturi rilevanti jew determinanti li sussegwentement jassumu importanza fil-kawza bejn il-partijiet jixhet dawl ikrah fuq il-kredibilita` ta` min ikun qed jallega tali fatturi.*

Illi l-arbitru b'kull rispett ma jistax jiskarta l-okkorrenza semplicement ghaliex l-intimat iddikjara illi dan huwa falz. L-akkuza tal-intimata hija wahda serja hafna w ghalhekk wiehed kien jippretendi w jistenna illi dan kien jaghmel tentattiv biex jissostanzja din l-allegazzjoni.

Illi ferm indikattiv fl-umli fehma tal-arbitru huwa l-fatt illi minkejja illi ghadda zmien konsiderevoli minn meta gie redatt ir-rapport, l-intimat ma hassx illi kellu jaghmel xi haga sabiex jikkorregi jew jirrapporta l-falsitajiet illi allegatament fih ir-rapport tal-pulizija.

Illi l-arbitru jaqbel ma' dak ritenut mill-Prim Awla tal-Qorti Civili hawn fuq imsemmija w cjoe' illi n-nuqqas ta' fatturi rilevanti jew determinant fl-okkorrenza li sussegwentement jassumu importanza fil-kawza bejn il-partijiet jixhet dawl ikrah fuq il-kredibilita' ta' min ikun qed jallega tali fatturi.

[3] Deciza 22/10/2001

Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-arbitru huwa moralment konvint illi l-verzjoni moghtija mill-attur Julian Briffa hija aktar kredibbli w verosimili, u li ghalhekk illi l-incident mertu tal-kawza sehh kif deskritt mill-istess attur.

Illi huwa principju risaput illi kull driver ghandu f'kull waqt tas-sewqan izomm dak li jissejjah "*a proper look out*", senjatament qabel, fil-mument u waqt li jkun qed jaghmel xi manuvra, haga illi naqas milli jaghmel Spiteri qabel ma ddecieda illi jerga jibda jsuq.'

Konsegwentement l-arbitru ghadda sabiex jiddeciedi li r-responsabbilta' tal-incident kienet tinkombi fuq l-appellant odjern.

**9. L-ewwel aggravju**

Illi permezz tal-ewwel aggravju l-appellant principalment jikkontesta l-konkluzjoni tal-abbli arbitru li l-incident sehh tort tieghu meta filwaqt li kien qed isuq ma zammx 'proper look-out' u b'hekk sehhet il-habta mal-vettura tal-appellat. L-appellant jinsisti li ma setax kien hu li dahal fil-vettura tal-appellat stante li fil-hin tal-incident skont hu l-vettura tieghu kienet wieqfa.

Illi din il-Qorti wara fliet kelma b'kelma l-provi kollha fl-atti tirrileva s-segwenti:

1. Illi a tempo vergine fil-verzjoni li l-appellant ta' lill-Pulizija huwa mkien ma semma li l-vettura tieghu kienet wieqfa fil-hin tal-incident and li kien 'driving';
2. Illi huwa biss fl-istadju ta' xhieda fl-arbitragg li l-appellant beda jsostni li huwa kien wieqaf fil-hin tal-incident;

3. Illi x-xhud imressaq mill-istess appellant Jesmond Sacco xehed li f'hin minnhom il-vettura tal-intimat kellha tieqaf izda ma xehdx li fil-hin tal-incident din kienet wieqfa. Anzi jirrizulta mix-xhieda tieghu li huwa ma rax l-incident isehh izda sema' biss il-hoss tal-incident.

4. Illi l-appellant jargumenta li d-daqqa ma setghetx kienet kbira kif isostni l-appellat stante li x-xhud Jesmond Sacco xehed li huwa sema' 'hoss zghir'. Il-Qorti izda b'referenza ghall-iskizz esebit mill-istess intimat (Dok VC 1) tirrileva li dan ix-xhud ikkonferma li fil-hin li huwa sema' l-incident isehh huwa kien fejn il-'gate' tal-apron filwaqt li l-incident sehh fil-vicinanza tal-ajruplan. Din il-Qorti tqis li x-xhud minn fejn il-'gate' mhux neccessarjament seta' jisma' l-impatt kollu tal-incident u l-gravita' tieghu in vista tad-distanza mhux zghira w'ghalhekk dak li sema' hu mhux neccessarjament jista' jservi ta' prova dwar il-gravita' tad-daqqa.

5. Illi ghalkemm l-istess xhud Jesmond Sacco jghid li l-passiggier tal-initmat f'xi hin ma kienx riekeb fil-vettura filwaqt li din kienet wieqfa, fl-ebda hin ma jikkonferma li dan kien fil-hin li sehh l-incident.

Illi fil-lodo appellat l-arbitru, li kellu l-opportunita' jisma' hu stess u jgharbel ix-xhieda kollha prodotti quddiemu, wasal ghall-konkluzjoni mill-assjem tal-provi kollha u mhux biss mir-rapport kif isostni f'dan l-aggravju l-appellant, li l-verzjoni korretta u veritjera dwar kif sehh l-incident da parti tal-intimat kienet dik originarjament riportata lill-Pulizija waqt ir-rapport (nofs siegha wara li sehh l-incident kif jirrizulta mill-istess rapport), emmen ukoll il-verzjoni tar-rikorrent u

wasal ghall-konkluzjoni li l-intimat ma kienx wieqaf waqt l-incident izda li kien rega' beda jsuq. Apparti minn hekk il-Qorti zzid, li dejjem skont l-istes skizz esebit mill-istess intimat, il-vetturi tad-delegazzjoni nkluz dik tar-rikorrent kienu mexjin bil-mod, linja wahda wara xulxin w'ghalhekk il-Qorti ssibha difficli biex temmen li kien ir-rikorrent appellat li ma baqax fil-linja u habat fil-vettura tal-intimat u huwa aktar verosimili li filwaqt li l-appellat kien qed isuq f'linja mal-vetturi l-ohra, ghal xi raguni l-intimat ghazel li jsuq minghajr ma zamm 'proper look-out' ta' x'kien qed isir quddiemu. In oltre l-Qorti tqis li d-dinamika tal-hsara fil-vettura tal-appellat cioe' fuq il-lemin fuq quddiem tal-vettura, hija evidenza li l-vettura tal-intimat dahlet fiha mill-genb tant li mbuttat il-bumper ta' quddiem. Li kieku kien l-appellat li dahal fil-vettura tal-intimat il-hsara riportata kienet tkun fuq quddiem u mhux fil-genb tal-vettura.

Il-Qorti ghaldaqtant in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, tqis illi l-arbitru li kellu l-opportunita' li jisma' hu stess ix-xhieda u jgharbel il-kredibilita' o meno taghhom, opportunita' li din il-Qorti ma kellhiex, wasal ghall-konkluzjoni korretta li l-incident de quo sehh tort tal-intimat w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**10. It-Tieni aggravju**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant jikkoncerna l-ilment tieghu li l-arbitru ma dahalx fl-eccezzjoni dwar il-kulur tal-vettura tal-appellat cioe' jekk hux sewda jew blu stante li l-appellant isostni li fl-incident ma kinitx involuta vettura BMW sewda kif imnizzel fir-rapport mal-Pulizija izda vettura BMW blu.

Illi din il-Qorti jkollha tammetti li mill-atti din il-kwistjoni tal-kulur tal-vettura nvoluta xejn ma tirrizulta bhala wahda felici. Fil-fatt il-Qorti mill-atti vverifikat kif isegwi:

1. Illi l-Pulizija li rrediga r-rapport ikkonferma fix-xhieda tieghu li l-kulur tal-vettura kien ivverifikah hu stess u kien ra vettura BMW sewda. Dan fil-hin tas-7.30 ta' filghaxija fix-xahar ta' April fejn ikun beda jidlam;
2. L-istess appellat Julian Briffa jinsisti li l-vettura nvoluta u proprjeta' tieghu hija BMW sewda;
3. Min-naha l-ohra l-intimat Vincent Spiteri u x-xhud Jesmond Sacco jsostnu fix-xhieda li l-vettura misjuqa minn Julian Briffa kienet ta' kulur blu. F'hinijiet minnhom l-istess intimat isemmi sahansitra l-kulur blu car. Interessanti izda li originarjament a tempo vergine lill-Pulizija huwa kien indika l-kulur tal-vettura bhala iswed.
4. Is-surveyor li ra l-vettura Natalino Agius xehed li huwa kien inkarigat mill-assigurazzjoni appellata sabiex jaghmel survey dwar il-vettura u jikkonferma li l-kulur taghha huwa 'dark blue'.

Illi l-aggravju tal-appellant huwa fis-sens li la r-rapport tal-Pulizija jindika vettura sewda u l-vettura nvoluta fl-incident kienet blu allura skont l-appellant, l-appellati ma rnexxielhomx iressqu l-prova li l-hsara reklamata sehhet fuq il-karozza verament involuta fl-incident in kwistjoni.

Illi din il-Qorti rat ir-ritratti bil-kulur esebiti fl-atti tal-arbitragg u tqis li minn dak li jidher, il-kulur tal-vettura tant jista' jkun li huwa 'blu skur' kif deskritt mis-surveyor (li din il-Qorti ma ghandhiex dubju li jaf xoghlu sew w'ghalhekk jaf jiddistingwi bejn il-kuluri anki simili hafna tal-vetturi minhabba l-esperjenza tieghu ghall-kuntrarju tax-xhieda l-ohra fl-atti) li facilment wiehed jista' jara l-kulur bhala iswed f'certu dawl u blu f'certu dawl iehor.

Illi izda l-bazi ta' kollox fil-kawza odjerna huwa li l-intimat stess fix-xhieda tieghu jsostni li l-vettura li habtet mieghu kienet BMW ta' kulur blu. L-istess ix-xhud imressaq minnu Jesmond Sacco. Is-surveyor tas-socjeta' appellata wkoll jikkonferma li l-kulur tal-vettura BMW li dwarha ghamel is-'survey' kienet ta' kulur blu skur. Minn dan kollu l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-vettura involuta fl-incident hija appuntu dik li sar is-'survey' fuqha u li qed jintalab il-hlas tad-danni rrilevantement minn dak li ufficjalment jissejjah il-kulur taghha. Tqis ukoll illi l-argument tal-appellant kien jirnexxi li kieku rrizulta lil din il-Qorti mill-provi li l-vettura nvoluta fl-incident u dik li fuqha sar is-'survey' kienu ta' kulur divers izda fl-atti gie ampjament ippruvat u

sahansitra kkonfermat mill-istess intimat li l-vettura fl-incident u dik li fuqha sar survey kien l-istess.

Illi din il-Qorti filwaqt li tirrileva li kien ikun ahjar li kieku din il-kwistjoni dwar il-kulur ma nqalghetx stante li verament originarjament setghet tqajjem ftit dubji, in vista tal-provi fl-atti, ma tqisx li dan it-tieni aggravju tal-appellant huwa fattwalment gjustifikat w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-appell interpost billi filwaqt li tichad l-aggravji kollha tal-appellant, tichad l-appell u tikkonferma d-decizjoni appellata fl-ismijiet premessi datata 21 ta' April, 2015.**

**Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant intimat.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**